MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 694/2003

***Maltacom p.l.c.***

***vs***

***John Mary Bartolo***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm213.96) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21245414 u dana skond kif jirrizulta mid-dokumenti A u B annessi ma' -avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm213.96),bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------